# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Maria Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 812/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Maria Borg, ta' 46 sena, bint Paul Busuttil u Carmela nee' Zammit, imwielda Hal Safi nhar it-02 ta' Mejju 1968, residenti fil-fond numru 15, Tori's Court, Flat 2, Triq San Gorg, Naxxar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 223468M.

Akkuzata talli nhar it-12 ta' Dicembru 2013 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, quddiem l-Avukat Dr. Sharon Mizzi Deguara LL.D. u/jew persuni ohra

1. Bil-qerq, holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l

quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u dan bi ksur ta'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli halfet falz f'materja civili u dan bi ksur ta'l-artikolu 106(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess hin, data u lok, ghamlet affidavit falz meta kienet taf li dak l-affidavit huwa mehtieg jew mahsub ghall-proceduri civili u precizament sabiex jigi pprezentat fil-proceduri kontra Patrick Borg fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u dan bi ksur tal-artikolu 106(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, l-Qorti giet mitluba tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi din hija kawza tentata fuq kwerela ta' Patrick Borg. Borg u l-imputata huma mizzewwgin pero separati legalment u dan wara kawza deciza mill-Qorti tal-Familja fit-2 ta' Frar 2011 u mill-Qorti ta'l-Appell fit-3 ta' Frar 2012. Peress li Borg ma hallasx lill-imputata dak li huwa kien obbligat li jhallasha ai termini tas-sentenzi fuq imsemmija hija talbet, permezz ta' rikors datat 10 ta' Dicembru 2013, il-hrug ta'mandat in procintu. Permezz  ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2014 (meta r-rikors ta'l-imputata kienu ghadu qed jinstema' mill-Qorti ta' Familja) l-imputat talab lill-pulizija jiehdu passi kontra martu minhabba li skond hu l-affidavit prezentat minnha f'l-atti tal-mandat in procintu "*jikkontjeni fatti li ma kienux minnhom u ghaldaqstant jammontaw ghal holqien ta' provi foloz u spergur fi proceduri civili*". F'l-ittra jghid li kien qed jannetti maghha l-affidavit.

Illi l-ufficjal prosekutur prezenta l-ittra ossia kwerela mibghuta f'isem l-imputat u d-dokument anness maghha; dan pero ma kienx affidavit, imma nota ta' sottomissjonijiet (mhux guramentata) iffirmata mill-Avukat Dr Sharon Mizzi Deguara.

Illi meta xehed il-kwerelant Patrick Borg huwa ghamel referenza ghal xi partijiet minn din in-nota ta' sottomissjonijiet u spjega ghaliex fil-fehma tieghu dak allegat f'dawk il-partijiet ma kienx veritjier. Tressqu xi persuni ohra bhala xhieda f'tentattiv biex jigi korroborat dak li qal fid-depozizzjoni tieghu Patrick Borg.

Illi dawn, flimkien ma' xi dokumenti, kienu l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Illi ghandu jigi rilevat li mid-dokumenti esebieti mid-difiza jirrizulta li l-mandat in procintu gie deciz fit-28 ta'Jannar 2016 u f'l-4 ta' Marzu 2016 intlahqet transazzjoni bejn il-partijiet; ma' din it-transazzjoni Patrick Borg hallas lill-martu l-ammonti kollha minnha pretizi.

Ikkunisdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat hija dik ta' kalunja indiretta, reat prospettat f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u spergur fi proceduri civili reati prospettati f'l-artikolu 106(1) u 106(3) ta'l-istess Kapitolu 9.

Illi l-prosekuzzjoni hija obbligata ggib l-ahjar prova in sostenn ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra imputat. Fil-kaz in ezami l-ahjar prova in sostenn ta'l-ewwel imputazzjoni kellha tkun il-provi foloz minnha mahluqa; u l-ahjar prova in sostenn tat-tieni u t-tielet imputazzjoni kellha tkun l-affidavit jew xi depozizzjoni li setghet tat f'l-atti tal-mandat in procintu fuq imsemmi. Pero l-unika prova li ngiebet f'dan ir-rigward kienet nota ta' sottomissjonijiet (mhux guramentata) iffirmata mhux mill-imputata imma minn Dr Sharon Mizzi Deguara. Ghalhekk hija mankanti l-ahjar prova ta'l-element materjali tar-reati addebietati lill-imputata.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kull prova prodotta intieza biex turi li dak li, skond il-kwerelant, allegat u qalet l-imputata fil-

konfront ta' zewgha kien inveritjier hija inutli jekk hija nieqsa l-ahjar prova ta' x'allegat u x'qalet l-imputata.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputata zgur li ma jistghux jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**